MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 842/1992/1

**Carmelo Vassallo u Dominic Xuereb fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Vassallo & Xuereb Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess kif debitament awtorizzati**

**vs**

**Carmen Piccinino f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minumi Elaine, Matthew u Stephen ahwa Piccinino u b' nota tat-18 ta' Dicembru, 2002 Matthew, Stephen u Elaine ahwa Piccinino assumew l-atti tal-kawza f'isimhom proprju li illum saru maggiorenni**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:

Illi r-ragel tal-konvenuta u missier il-konvenuti, llum mejjet, kien ordna poggaman tal-hadid ghat-tarag ta' Villa Piccinino, Madliena Road, Madliena;

Illi dan il-poggaman tal-hadid tat-tarag gie kkonsenjat u mqieghed f'Villa Piccinino, Madliena Road, Madliena;

Illi l-konvenuti jonqoshom ihallsu lill-atturi nomine is-somma bilancjali ta' tlett elef disa' mija u sebgha u ghoxrin lira maltija (Lm3927) oltre l-imghax legali u dan skond invoice numru 5234;

Illi l-atturi nomine interpellaw lill-konvenuti biex ihallsu din is-somma minnhom dovuta pero xorta baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenuti jghidu ghailex din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u dispensati mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista tal-affidavit ta' Carmelo Vassallo u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tikkundannhom ihallsu lill-atturi nomine is-somma bilancjali ta' Lm3927 oltre l-imghax legali ta' poggaman tal-hadid ta-tarag li gie imqieghed ghal Villa Piccinino, Madliena Road, Madliena;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Lulju 1992 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta propio et nomine fejn gie eccepit illi l-eccipjenti m'ghandhiex tghati l-ammont mitlub izda biss il-bilanc ta' Lm500;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta propio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tat-18 ta’ Gunju 1993 li bih gie nominat bhala espert tekniku l-AIC David Pace fil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniuku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-8 ta’ Gunju 2004;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi nomine;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici, fic-citazzjoni, tippremetti li r-ragel tal-konvenuta u missier il-konvenuti, llum mejjet, kien ordna poggaman tal-hadid ghat-tarag ta’ residenza fil-Madliena. Dan il-poggaman gie kkonsenjat u mqieghed fl-istess residenza. Tippremetti ukoll li il-konvenuti fadalhom ihallsu s-somma bilancjali ta’ tlett elef disa’ mija u sebgha u ghoxrin lira maltija (Lm3927). Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigi kundannati jhallsu l-imsemmija somma bilancjali;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li huma m’ghandhomx jghatu l-ammont mitlub izda biss bilanc ta’ Lm500. Fid-dikjarazzjoni il-konvenuti jispecifikaw li l-prezz tal-poggaman kellu ikun ta’ Lm3000. Saru pagamenti akkont ammontanti komplessivament ghas-somma ta’ Lm2500. Inoltre s-socjeta attrici hadet il-fuq minn tliet snin biex tesegwixxi x-xoghol kontrattat;

L-abbli perit tekniku kkonstata li hi aktar verosimili l-verzjoni offerta mis-socjeta attrici. Ghalhekk il-perit tekniku kkonkluda li ma jirrizultax li kienet saret stima preventiva u preliminari qabel ma beda x-xoghol in kwestjoni u illi l-ammont pretiz hu wiehed ragonevoli u gustifikat u konsegwentement it-talba attrici ghandha tintlaqa’;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa ir-rapport peritali u hasbet fit-tul dwar il-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet li ghamel u li wasal ghalihom l-sitess perit tekniku. Il-Qorti taqbel mal-istess kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit tekniku u ghalhekk taddotthom u tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li dawn l-istess konkjluzjonijiet jigu varjati jew skartati;

Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati filwat li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad lk-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma bilancjali ta’ tlett elef disa mija u seba u ghoxrin liri maltin (Lm3927) u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni. Bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------